MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 60/2010/2

**Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**v.**

**Raymond Debono**

Rat ir-rikors li d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali pprezenta fil-15 ta' Frar,
2010, u li jaqra hekk:

"1. Illi l-esponent ircieva minghand il-Ministru responsabbli ghall- Gustizzja u Intern, kopja awtentika ta'

Ordni ta' Manteniment fl-ismijiet fuq premessi u moghtija mill-Qorti fuq indikata, u li ghal liema Ordni japplika l-Att dwar l-Ezekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment (Kap. 242). Kopja ta' tali ordni qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;

"2. Illi, l-esponent, a tenur tal-Artikolu tal-Ligi 7(3), huwa tenut sabiex jirregistra dan l-Ordni fil-Qrati kompetenti ta' Malta, liema Qorti, a tenur tal-Avviz Legali 397 tal-2003, hija l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

"3. Illi, skont l-Artikolu 7(4) tal-istess Att, l-esponent huwa informat illi l-intimat debitur Raymond Debono, jghix gewwa 110, Napoleon Street, Zurrieq, Malta;

"4. Illi, sabiex jottempera ruhu mal-Ligi, l-esponent huwa tenut li jadixxi din l-Onorabbli Qorti sabiex, taht l-Awtorita' taghha, huwa jirregistra l-imsemmi ordni fil-Qorti kompetenti Maltija;

"Ghaldaqstant, l-esponent, filwaqt illi jgib l-istess Ordni a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jitlobha bir-rispett, illi joghgobha tordna li l-istess Ordni msemmija tkun registrata mill-esponenti ghal kull effett u fini tal-Ligi.

"Salv kull procediment iehor."

Rat ir-risposta tal-intimat Raymond Debono li taqra hekk:

"1. Illi primarjament l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett fil-ligi stante illi l-Qorti kompetenti a tenur tal-artikolu 2 tal-Att dwar l-Ezekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment tal-Kap. 242 tal-Ligijiet ta' Malta hija definita bhala l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Inoltre l-Avviz Legali 397 tal-2003 citat fir-rikors tal-attrici huwa rrelevanti. Ghalhekk fid-dawl ta' din l-eccezzjoni dilatorja din l-Onorabbli Qorti ghandha tieqaf hawn;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rekwiziti ghar-registrazzjoni ta' din l-ordni in kwistjoni ma jezistux, fis-sens illi din ma hix ordni ta' manteniment finali minn Qorti f'pajjiz li jirreciproka, kif provdut u rikjest mill-

Artiklu 7(1) tal-Att dwar l-Ezekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment tal-Kap. 242 tal-ligijiet ta' Malta, izda hija biss ordni provizorja li ma gietx ikkonfermata, hekk kif jidher u ippruvat fid-dokument hawn anness u mmarkat **(Dok. RD1).**

"Fil-fatt l-ordni ta' manteniment finali mahruga mill-Qorti ta' Durham fit-3 ta' Dicembru 2007 kienet giet *'set aside'* mill-Qorti sedenti nhar it-18 ta' Marzu 2008 u regghet giet attivata *maintenance pending suit order* tad-19 ta' Ottubru 2007. Ghaldaqstant l-ordni ta' Manteniment mitluba sabiex tigi registrata hija biss *'General Order'* (maintenance pending suit) u mhux *'Final Order',* hekk kif indikat mid-dokument anness mal-applikazzjoni tal-attrici hawn anness u rnmarkat bhala **(Dok. LD** 1).

"3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, id-dokumenti annessi ma' l-applikazzjoni tal-attrici ma humiex apostillizzati a tenur tal-Konvenzjoni ta' The Hague tas-sena 1961 dwar il-Legalizzazzjoni u Awtentikazzjoni ta' dokumenti, u ghaldaqstant il-prova illi huma dokumenti veritieri hija nieqsa.

"Inoltre l-attrici qeghda tipprova tizvijja lil din l-Onorabbli Qorti, billi hem m provi cari illi l-abitazzjoni taghha ma hiex dik indikata fl-applikazzjoni izda hija dik u cioe 26, *Church Meadow, Meadowfield, Co. Durham.* Wahda mill-provi ta' dan hi li l-attrici qeghda tippercepixxi l-pensjoni li hadet ingustament lill-esponenti f'dan l-indirizz hawn indikat. Dan qieghed isir ukoll sabiex tfixkel lill-esponenti milli jipprova li jkollu access ghal uliedu;

"4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ai fini tal-artikolu 8(2) (i) tal-Att dwar l-Ezekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta; Manteniment tal-Kap 242 tal-ligijiet ta' Malta l-esponent jirreleva dawn id-difizi:

"(i) Illi l-intimat qatt ma gie notifikat bit-talba li saret quddiem il-Qorti Ingliza ghax huwa kien diqa' telaq mir-Renju Unit meta huwa kien meqjus bhala notifikat. Irid jigi rilevat illi l-esponenti qatt ma ssottometta ruhu jew

accetta din il-gurisdizzjoni, u ghalhekk kull dritt dwar smiegh xieraq;

"(ii) Illi fi kwalunkwe kaz tali ordni qeghda tigi impunjata quddiem din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta **(Rik Nru 164/2009 AF appuntat ghas-smiegh ghall-11 ta' Mejju 2010),** u ghalhekk it-talba prezenti tal-attrici ghandha tistenna l-ezitu tar-rikors hawn fuq indikat;

"(iii) Illi jinghad ukoll illi hem m kontestazzjoni fil-mertu ghaliex il-bazi illi fuqha inghatat din *il-General Order* hija totalment erronea u minghajr bazi u ghalhekk l-esponenti jitlob illi jinghata l-opportunita jgib provi fuq dan il-mertu, fosthom illi:

"(a) l-attrici Lisa Debono kienet thallas kera ghall-abitazzjoni taghha uta' uliedha ta' disa' mija u hamsin lira sterlina fix-xahar. Dan l-ammont m'ghadux jithallas stante illi r-rikorrenti akkwistat dar bil-flejjes li ppercepiet mill-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

"(b) l-attrici Lisa Debono bdiet tahdem bhala Senior Nurse (kwalifikata b'Masters Degree fin-Nursing) f'April tal-2007 u qeghdha tippercepixxi dhul ta' elfejn mitejn u erbgha u tletin lira sterlina (£2,234.00) fix-xahar.

"Irid jigi rilevat illi l-ispejjez necessarji ghall-manteniment taghha u tal-ulied (inkluzi dawk edukattivi, extra kurrikulari, rikrejattivi) ddikjarati minnh stess f'affidavit maghmul minnha fl-1 ta' Lulju 2008 huma ta' elfejn mitejn u wiehed u tmenin lira sterlina (£2,281.00) fix-xahar (dokument anness u mmarkar **Dok RB2**).

"Inoltre l-ammont ta' flejjes depozitati f'isimha f'diversi kontijiet bankarji li l-esponenti huwa a konoxxenza taghhom jammontaw ghal tlieta u hamsin elf, mitejn u tmienja u tmenin lira sterlina (£53,288.00), hekk kif ippruvat mid-dokument tal-Bank New Castle Building Society (anness u mmarkat **Dok RD3**), ghall-ammont ta' ghal hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tlieta u sittin lira sterlina (£25,863.00), mid-dokument tal-bank (HSBC - Acc Nos 91802003) (anness u mmarkat **Dok RD4)** ghall-

ammont ta' tlettax-il elf, tlett mija u disgha (£13,309.00), kif ukoll is-somma ta' erbatax-il elf mija u sittax-il lira sterlina (HSBC - Acc Nos 02038234) kif indikat mid-dokument tal-bank HSBC (anness u mmarkat **Dok RD5**).

"Illi jigi espost fid-dawl ta' dan kollu l-agir vendikattiv tar-rikorrenti Lisa Debono fil-konfront tal-intimat ghar-ragunijiet segwenti:

"(i) L-esponenti kien kostrett jitlaq mir-Renju Unit u jirrinunzja ghall-pozizzjoni li kellu fl-isptar fejn kien jahdem minhabba theddid kostanti fuq hajtu mill-familjari tal-attrici, ostilita` tal-ambjent, kif ukoll dak li huwa jhoss bhala *bias* gudizzjarju qawwi mill-Qrati tar-Renju Unit fil-konfront tieghu;

"(ii) Mid-divorzju ottenut mill-Qorti ta' Durham, l-attrici Lisa Debono ippercepiet somma kapitali ta' tlett mija u ghoxrin elf lira sterlina (£320.000.000) somma li tippermettilha li tghix dicenti u komda, tenut kont il-bzonnijiet taghha u ta' uliedha. Madanakollu dan ma kienx bizzejjed ghaliha u istitwiet proceduri sabiex iccahhad lill-esponenti mid-dritt tieghu ghall-pensjoni u ser tapproprija ruhha mis-somma ta' sebgha u disghin elf lira sterlina (£97,000). Dawn il-proceduri saru u gew konkluzi minghajr ma' l-esponenti kien notifikat b'mod xieraq;

"(iii) Il-karattru vendikattiv tal-esponenti jispikka mhux biss fil-konfront tal-esponenti izda wkoll fil-konfront tat-tlett ulied li twieldu minn dan iz-zwieg il-Qorti ta' Durham harget *court order* sabiex l-esponenti jkollu access ghal uliedu f'hinijiet u granet stabbiliti, izda l-attrici kienet taghmel minn kollox biex tevadi l-ordnijiet tal-Qorti. Minkejja illi l-Qorti ta' Durham kienet harget *court order* ulterjuri sabiex tinforza dan l-access, l-attrici dejjem kienet issib mod biex iccahhad lill-esponenti milli jkollu access ghal uliedu. Il-proceduri li kien jistitwixxi l-esponenti sabiex jara lil uliedu kienu qeghdin jiswewh eluf kbar ta' liri, u dan wassal biex l-esponenti jwaqqaf dawn il-proceduri ghax ma felahx ihallas l-ispejjez taghhom. L-esponenti ilu ma jkollu access ghal uliedu ghal dawn l-ahhar tlett snin;

"Tant ghandu x'jissottometti f'dan l-istadju l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."

Illi fit-8 ta' April, 2010, il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, tat digriet fuq ir-rikors imsemmi fis-sens li "tilqa t-talba";

Illi minn dak id-digriet appella l-intimat, u din il-Qorti, b'sentenza tal-25 ta' Gunju, 2010, hassret u rrevokat id-“decizjoni" tat-8 ta' April, 2010 u l-atti gew rinvjati lill-ewwel Qorti biex din, wara li taghti smiegh lill-intimat, tara ghandhiex tikkonferma l-ordni tal-County Court ta' Durham, l-Ingilterra, fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment (Kap. 242 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat il-verbal registrat fit-30 ta' Novembru, 2010, quddiem l-ewwel Qorti, li fih gie ordnat li l-provi migbura fil-kawza fl-ismijiet "Raymond Debono v. L-Avukat Dottor Mark Busuttil et noe", rikors guramentat numru 164/09, jghoddu f’dan is-smiegh tar-rikors;

Rat li dik il-kawza l-ohra giet deciza mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, fit-30 ta' Ottubru, 2012, u minnha sar appellli ghadu pendenti;

Rat is-sentenza li l-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, tat f’din il-kawza fit-23 ta' Novembru, 2011, li in forza taghha laqghet it-talba attrici; spejjez bla taxxa;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi rigward l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti biex tiddeciedi fuq il-meritu tar-rikors, jigi osservat li din hi nfondata fattwalment u legalment kif jirrizulta car mill-kontenut tar-regolament 4[b] ta' l-Avviz Legali 9 tas-sena 2004 li jiddelinea l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

"Illi rigward l-ordni tat-18 ta' Marzu 2008, il-Qorti tosserva li, ghalkemm din kienet inharget bhala wahda provvizorja, izda sussegwentement din gie konfermata b'ordni ulterjuri tal-10 ta' Marzu 2009 li nghatat wara seduta "listed for finali hearing."

"Illi ghalhekk, gjaladarba l-ordni tat-18 ta' Marzu 2008 giet konfermata b'ordni finali tal-10 ta' Marzu 2009, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti fit-termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Debono li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell odjern u thassar u tirrevoka d-digriet tal-Onorabbli Qorti Civili fl-ismijiet Direttur Qorti Civili u Tribunali v. Raymond Debono tat-23 ta' Novembru 2011, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-istess appellant u tichad it-talba tal-appellat fil-konfront tal-istess appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrih.

Rat ir-risposta tar-rikorrent Direttur, Qrati Civili u Tribunali li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tichad *in toto* l-appell tar-rikorrenti bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi b'dawn il-proceduri ir-rikorrent qed jagixxi wara ordni li rcieva minghand il-Ministru responsabbli ghall-gustizzja biex, ai termini tal-imsemmi Kap. 242 (applikabbli ghal Gran Brittania b'Avviz Legali 49/1975), jitlob ir-registrazzjoni hawn Malta ta' ordni ta' manteniment mahrug mill-County Court ta' Durhan, l-Ingilterra, fit-18 ta' Marzu, 2008. L-ewwel Qorti, wara li ezaminat id-dokumenti, u li dik l-ordni provvizorja saret finali b'decizjoni ("final order") tal-10 ta' Marzu, 2009, ordnat ir-registazzjoni tal-ordni hawn Malta.

L-intimat Raymond Debono appella mis-sentenza u ressaq erba' aggravji: (i) li s-sentenza hi nulla ghax l-okkju taghha gie registrat hazin; (ii) illi hu ma giex notifikat skont il-Council Regulation 1393/2007 fil-proceduri illi martu Lisa Debono istitwit fil-Qorti ta' Durham kontra tieghu; (iii) illi kien hemm bdil oggettiv tac-cirkostanzi li jimmeritaw bdil

fil-manteniment; (iv) illi l-ewwel Qorti "injorat" l-affidavit tieghu li ressaq bhala risposta ghall-affidavit tal-parti l-ohra.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi, jista' jigi identifikat "zball" fl-okkju tas-sentenza. Il-proceduri nbdew mid-Direttur, Qrati Civli u Tribunali fejn talab li tigi registrata sentenza fl-ismijiet "Lisa Debono v. Raymond Debono", u l-okkju tas-sentenza tal-ewwel Qorti jirrifletti dak tad-decizjoni estera. L-okkju, hu veru, seta' gie registrat ahjar biex jirrifletti li dawn huma proceduri li nbdew mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, u mhux direttament minn Lisa Debono, pero`, mhux kaz ta' okkju li jindika persuna differenti minn dik involuta fil-kawza, u, ghalhekk in-nuqqas ta' indikazzjoni cara fl-okkju ma ghandux iwassal ghan-nullita` tas-sentenza.

L-intimat qal ukoll illi din il-kawza kellha tinstema' mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mhux mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja. Kif qalet l-ewwel Qorti, pero`, ir-Regolament 4(b) tal-Avviz Legali 9/2004 jimmanifesta b'mod car il-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, u meta tqies li, fi kwalunkwe kaz, appell jitressaq quddiem din l-istess Qorti, ma tarax li, f'dan l-istadju inoltrat tal-procedura, ghandha thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti fuq din ir-raguni.

Bit-tieni aggravju tieghu, l-intimat jilmenta illi minn "wara Marzu 2008" hu ma giex notifikat bil-proceduri li kienu qed isiru f'Durham skont il-Council Regulation EU 1393/2007. Fuq din il-materja, il-Qorti fliet id-dokumenti esebiti u tara li ghandha dan x'tikkummenta. Meta nhareg l-ordni (General Order) tat-18 ta' Marzu, 2008, l-ordni li taghha qed tintalab ir-registrazzjoni, fis-sentenza jinghad b'mod car li l-Qorti semghet lill-avukat ta' Lisa Debono u tat id-digriet, "upon hearing Counsel for the respondent", cioe` Raymond Debono. Dan ifisser li r-rikorrent appellant kien notifikat bis-smiegh li wassal ghall-hrug ta' dik l-ordni. Ir-Regolament tal-Unjoni Ewropeja li jistabilixxi kif isiru n-notifiki lill-persuni residenti f'xi Stat membru jindikaw kif

tista' ssir in-notifika meta din ma tkunx saret b'mod iehor; in-notifika, pero`, mhux bilfors issir ai termini ta' dak ir-Regolament, u tista' ssir b'modi ohra accettati fil-pajjiz fejn ikun qed jinstema' l-kaz, basta li tkun wahda reali u effettiva, u li tista' twassal ghall-attendenza tal-konvenut quddiem il-Qorti. F'dan il-kaz, hu car li l-intimat kien jaf bis-smiegh ghax inkariga avukat jiddefendi l-interessi tieghu, u dan ghamel is-sottomissjonijiet tieghu fisem l-appellant. La darba l-appellant kien jaf bis-smiegh, ma kienx mehtieg li ssir notifika formali, ghax il-principju *eudi alteram partem* gie b'hekk imhares.

Din l-ordni tat-18 ta' Marzu, 2008, timmerita, ghalhekk, li tigi registrata.

Wara dan il-"General Order", lill-Qorti ma jirrizultalhiex x'gara aktar hlief li nghataw "directions subsequent thereto" sakemm inhareg il-"Final Order" fl-10 ta' Marzu, 2009. Ma jirrizultax lil din il-Qorti jekk bejn il-"General Order" u l-"Final Order" sarux notifiki tal-proceduri li ttiehdu, jew jekk id-diversi proceduri pprocedewx b'differimenti pre-stabbiliti, kif
isir hawn Malta. Fil-"General Order" ma hemmx data ta' different, u fil-"Final Order", din id-darba, hemm registrat li l-intimat ma kienx deher ghas-smiegh li wassal ghall-hrug ta' dik l-ordni.

Kwindi, lil din il-Qorti, ma jirrizultalhiex jekk l-intimat kienx gie notifikat jew kienx jaf bis-seduta relattiva.

Jibqa' l-fatt li l-ordni tat-18 ta' Marzu, 2008, hija ordni provvizorja registrabbli skont l-Artikolu 8 tal-imsemmi Kap. 242, u, fuq kollox, hija din il-"General Order" tat-18 ta' Marzu, 2008, li d-Direttur rikorrent qed jitlob li tigi registrata.

Fil-kuntest tat-tielet aggravju, l-appellant jissottometti illi kien hemm bdil fic-cirkostanzi personali u finanzjarji tieghu li jimmeritaw bidla fir-rata ffissata ta' manteniment. Din il-"kawzali", pero`, kienet tifforma parti mill-meritu tal-kawza l-ohra, rikors guramentat 164/09, li giet deciza mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-30 ta' Ottubru, 2012. Il-meritu

ta' dik il-kawza kien precizament dan l-allegat bdil fic-cikostanza li kien "jiggustifika l-varjazzjoni ta' kull ordni ezistenti ta' manteniment". Dik il-Qorti, wara li semghet il-provi, cahdet it-talba attrici. Dan ifisser li "d-difiza" li seta' kellu l-appellant minhabba din il-bidla fic-cirkostanzi, giet mistharrga u michuda mill-Qorti kompetenti. Hu veru li minn din is-sentenza gie intavolat appellli ghadu pendenti, pero`, apparti l-fatt li, fit-termini tal-Artikolu 255 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, sentenzi li jordnaw il-ghoti ta' manteniment huma esegwibbli wara 24 siegha, u fit-termini tal-Artikolu 267(a) tal-istess Kodici, sentenzi simili huma esegwibbli provvizorjament, anke jekk isir appell, dak li qed jintalab b'dawn il-proceduri hija r-registrazzjoni tas-sentenza estera, mhux l-esekuzzjoni taghha. Dik is-sentenza, f'dan l-istadju, tista' u ghandha, allura, tigi registrata, peress illi, bis-sitwazzjoni kif inhi fil-prezent, ma jistax jinghad li l-appellant ghandu xi "difiza" valida ghal dik l-Ordni. Jibqghu impregjudikati d-drittijiet tal-appellant li jitlob it-tibdil u/jew thassir tal-ordni ta' manteniment registrat hawn Malta fit-termini tal-Artikoli 10 u 11 tal-istess Kap. 242.

Ghal dawn l-istess ragunijiet, qed jigu michuda z-zewg rikorsi li pprezenta l-appellant fil-21 ta' Jannar, 2013 li huma marbuta ma' allegat bdil ta' cirkostanzi, din id-darba, min-naha ta' Lisa Debono. Kif inghad, il-meritu tal-allegat "bdil ta' cirkostanzi <u>bejn il-partijiet</u>" qed jigu diskussi fil-kawza l-ohra, rikors guramentat numru 164/09, u din il-Qorti ma tistax tinvolvi ruhha fi proceduri ohra u separati bejn il-koppja Debono.

Dwar l-aggravju marbut mal-affidavit ulterjuri tal-appellant, l-ewwel Qorti kienet ordnat l-isfilz tal-affidavits li gew ipprezentati wara li l-kawza kienet giet differita ghall-finali trattazzjoni. L-ewwel Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavits li ressqu z-zewg nahat, u ma hux minnu li l-Qorti "semghet naha wahda biss".

Ghall-fini ta' dawn il-proceduri, l-ewwel Qorti ma kellhiex taccetta provi ulterjuri meta l-kawza kienet differita ghall-finali trattazzjoni, u dan l-ahhar aggravju tal-appellant, ghalhekk, mhux iggustifikat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost minn Raymond Debono billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-23 ta' Novembru, 2011, u tordna lir-rikorrent Direttur jipprovdi ghar-registrazzjoni tal-Ordni fit-termini tal-Artikolu 8(5) tal-imsemmi Kap. 242.

L-ispejjez tal-kawza, minn wara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Gunju, 2010, jithallsu kollha, inkluz dawk in prim istanza, mill-appellant Raymond Debono.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------